# Il-Poeżija "Non Omnis Moriar" ta' Dun Karm

*Studju ta'* G. GALEA

L-ISEM meħud minn waħda mill-odi tal-poeta Latin, Orazju. Għanja mill-aqwa, miżuna fin-nisġa ta' versi mħallta; għolja fil-leħma.

Jekk f'poeżiji oħra Dun Karm jurina s-sengħa tiegħu bħala pittur, jew f'oħrajn bħala mużiċista, f'din il-poeżija, li taħt l-isem tagħha tiġbor il-poeżiji tiegħu kollha, jurina x'sengħa għandu jorbot il-mużika mal-pittura u minnhom joħroġ poeżija li mill-bidu sa l-aħħar, hi mewġa ta' **mużika mill-isbaħ, milja ta'** ritmu li thenni l-widna; u fiha l-poeta jrodd il-ħsibijiet tiegħu mfissra tajjeb u mżewqa bi lwien li jmissu l-qalb.

Billi l-poeżija tittratta fuq għanjiet safja, li mal-milja tas-snin jibqgħu safja bħalma huma issa, il-poeta ħaddem sengħetu kollha biex kemm jista' jkun jinqeda b'Malti safi, bħalma safja kienu l-ilħna li għanna magħhom il-poeta,

> "........*ilħna tal-fidda*
> *li għannew bl-oħla kelma*
> *is-sura tal-ħolqien u d-dija tiegħu.*"

F'din il-għanja Dun Karm juina wkoll il-ħila kbira li għandu **fuq il-frażijiet u kliem** li bihom jolqot il-ħsieb fl-isbaħ tiegħu, bħal: "ix-xemx li titriegħed fuq il-mewġa tal-baħar" — "bħal xrara li tikbes minn żnied milqut" — "radda ta' ħsara" — "qawwa moħbija" — "mera tas-sbuħija".

Il-versi huma ħfief ħafna u inti u taqrahom tħoss armonija ħelwa li żżiegħel bil-widna, armonija oħla minn tal-ġojjin "li jgħanni f'sakra ta' mħabba". Hemm bżonn li l-versi jkunu ħfief, għax bil-ġiri tagħhom il-poeta jurina l-qawwa li biha kienu joħorġu l-poeżiji mill-qiegħ ta' qalbu fiż-żgħożija u fl-aħjar ta' żmienu. Iżda l-poeta jaf iwaqqaf f'daqqa l-ħeffa tal-versi meta jiġi biex jiddeskrivi x-xjuħija. Malli jgħidilna "issa bdejt nieżel" dawk il-versi ħfief li l-għanja tkun sejra bihom, ħfief daqs "l-Anġlu tal-poeżija", ħfief daqs kemm "ħafifa titla' l-għanja minn qalbu meta tmissu l-id t'Alla" jistaħbew biex jerġgħu jfeġġu. Hawn il-poeta juża bil-għaqal kollu konsonanti iebsin u kotra minnhom imtennija, biex bihom ifisser aħjar it-toqol tal-

medda ta riġlejh u l-mewġa tad-demm li ma għadhiex tiġri mimlija mill-qalb għat-truf. 'Il quddiem aktar juża konsonanti iebsin ukoll biex jiddeskrivi dik il-qawwa moħbija,

*"li tħott u ġġarraf kull ma tibni l-Ħajja,*
*u tkidd u tiekol dak li trodd is-sengħa."*

U fil-kelmiet "radda ta' ħsara" u "naqax fuq ġbini", il-poeta jġegħilna nisimgħu t-tħarbix "tas-sikka ġewwa l-għalqa ta ħajtu" u l-ħoss li tagħmel il-lima. Il-poeta jiddeskrivi tajjeb il-qirda tal-"qawwa moħbija" biex jurina aktar biċ-ċar il-qawwa li għandha l-poeżija, li qatt, ħadd, u xejn ma jista' jtemmha: bħalma ftit qabel isemmi "l-qawwa li teqred" biex jitfa' aktar forza fuq "is-setgħa li ġġedded".

Issa dik il-ħeffa tal-versi tarġa' tfeġġ bħal qabel u iżjed, u dan hu l-iskop tal-poeta; tħoss li l-poeżija reġgħet ħadet ħeffa ġerrejja, dik il-ħeffa li biha "swaba' mħarrġa jiġru bis-sengħa fuq il-ħjut annuna ta' l-arpa".

La l-poeżija ma tintemmx kien jixraq li l-ħabbar li qallu jgħanni fuq il-ġmiel tal-Ħolqien ma jkunx ħaddieħor ħlief Anġlu —ħaġa li ma tmutx u safja bħal poeżija: u l-poeta fid-deskrizzjoni ta' l-anġlu li ħabbru bil-ġmiel, iqiegħed ftit mill-istess ġmiel tal-Ħolqien għax jidedskrivihulna "ħafif daqs berqa, wiċċu wiċċ ta' kewkba, xofftejh eħfef mir-riħ li jgħaddi fietel ma' nżul ix-xemx mill-art għal baħar". Dawn l-effijiet iġagħluk tħoss it-tferfir ta' ġwienħu; iżjed 'il quddiem iġagħluk tisma' n-nifs tal-bhejjem felħanin li jdaħħan abjad "fil-fewġa friska ta' fil-għodu": vers ieħor iġagħlek tisma' t-tħaxwix tal-fewġa li tgħanni "qalb ix-xuxa tal-qasab u tas-siġar". B'hekk il-poeta jurina kif il-ħsieb tiegħu jżejnu u fl-istess ħin jorbtu ma' frażijiet u espressjonijiet realistiċi: jurina wkoll, kif, l-inqas ħoss li għal ħadd ieħor m'hu xejn, għalih hu ħafna: iħossu jdoqq ħelu f'widnejh u jgħożżu tajjeb f'qalbu għal meta jiġi bżonnu biex isawru b'senegħtu kollha skond ix-xejra tal-ħsieb.

Il-poeżija għandha żewġ kwadri ħelwin li bihom Dun Karm **jurina x'ħabta għandu jlemmaħ** ħafna sbuħija fi ftit kliem. Fl-ewwel kwadru jurina kif għanna: għanna kif igħanni "ġojjin f'sakra ta' mħabba taħt ix-xemx ta' Mejju", "bħal rożinjol fid-dlam ta' lejla siekta", "bħall-ilma safi", "bħal fewġa u bħal baħar lubien fi mħabbtu". Fil-kwadru l-ieħor igħidilna minn x'hiex kellha tkun imnebbħa l-poeżija — **mill-fwieħa tal-widien,**

mill-lwien tal-ħaxix u tal-ward, sa minn nifs tal-bhejjem. Hawn jurina x'sengħa għandu jifli bl-akbar reqqa l-irkejjen kollha tan-natura.

Jaf juża l-kuluri daqs l-aqwa pittur. Fil-ftuħ tal-poeżija tis-tħajlek qiegħed tarah quddiemek ipinġi fuq it-tila l-baħar ikħal imdawwar ma' l-art, jixħet 'l hawn u 'l hinn twapet ħomor tas-silla, u xi ftit aħdar għall-oqsma taż-żara', u jgħinu u jaqilgħu ħaj il-kwadru billi jpinġi x-xuxa tal-qasab u tas-siġar jitbandlu lkoll biż-żiffa ħelwa tal-fewġa li magħha wkoll keilu jħallatha l-għanja. F'dan il-kwadru jurina l-qawwa u s-sbuħija tal-għanja tiegħu.

Issa Dun Karm juża kuluri oħrajn: mhux kuluri li jleilxu imma kuluri koroh, kuluri li ssibhom fuq xi wiċċ ta' raġel li minn fuqu għaddew sitta u ħamsin xitwa. Dawn il-kuluri koroh kellu bżonnhom Dun Karm biex jurina sewwa li "beda nieżel" u tarah jixħet fuq it-tila bl-akbar sengħa ħżuż suwed fuq ħaddejh, xagħar abjad u tikmix fuq ġbinu.

Meta jasal biex jiddeskrivi x-xjuħija, il-poeta jurina li qalbu sewda li waslet il-mewt, mhux għax tieqaf għal kollox il-mewġa tad-demm u l-ġisem jistrieħ fil-qabar, iżda għax

*"......f'dalma sewda kiesħa*
*tmut id-dehra sabiħa*
*tal-Holqien li jgħaxxaqni".*

Imbagħad jibda jaħseb li meta jintemm ħadd ma jibkih: iżda dan xejn ma jgħodd, għax jaf li jekk f'keffa tal-miżien tiegħu għandu l-bruda ta' ħbiebu u tal-warrani, fil-keffa l-oħra għandu biżżejjed biex jilħaq u jgħaddi t-toqol ta' l-ewwel u din hi li l-għanja ma tmutx:

*"Minn taħt il-għatu*
*tal-qabar waħdu tibqa' ħierġa safja*
*il-mewġa ddoqq li ġewwa qalbi ssawret*
*fil-ħolma ta' żgħużiti,*
*u fit-taqsim ġdid intisġet*
*mal-għanja li għannejt fl-aħjar ta' żmieni."*

Il-poeżija, Dun Karm nistħajlu jsejħilha, it-tieni ruħ, għaliex din tibqa' tgħix wara l-mewt tal-ġisem. Il-ġisem jiksaħ, il-poeżija tibqa' tbaqbaq u tħeġġeġ; il-ġisem jinżel jistrieħ ġo qabar, jinten u jintemm, waqt li l-warda tal-poeżija, li dejjem ħeġġet u qatt ma ntfiet mas-snin ta' ħajtu" tibqa' ħajja u tfewwaħ kull fejn tkun: mela tabilħaqq li "*NON OMNIS MORIAR*".